MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 1451/1999/1

**Joseph Mangion**

**vs**

**Alfred u Antoinette mizzewgin Zammit**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:

Illi l-konvenuti ghandhom jirrifondu lill-attur is-somma bilancjali ta' sebat elef u tlett mitt lira maltin (Lm7300) liema somma ta' flus giet mislufa 'brevi manu';

Illi l-konvenui weghdu diversi drabi li ser jirrifondu din is-somma izda baqghu inadempjenti;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, dina l-Qorti, m'ghandiex: -

1.tikkundannhom ihallsu lill-atturi s-somma bilancjali ta' sebat elef u tlett mitt lira maltin (Lm7300) kif hawn fuq spjegat;

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Mejju 1999 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit :-

1. Illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dana peress illi l-konvenuti hallsu lil attur dik is-somma illi huwa sellef *brevi manu* lil istess konvenuti;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sue-suppost l-ammont imsemmi fic-citazzjoni mhux l-ammont li l-konvneuti sselfu mingahnd l-attur u dana peress illi l-attur abbuzivament u b' mod illecitu kien jawmenta l-interessi dovuti u dana minghajr ftehim ma' l-istess konvenuti.  Illi l-imghax li l-attur qed jinkludi mas-somma fl-ewwel lok mhux dak stabbilit mill-ligi u fit-tieni lok ma' jirrispekjax l-ammont originarjament mitlub u dana peress li l-imghax kien jinhadem minn l-attur b' mod abbuziv;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata il-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lill-attur;

Rat l-affidavit tal-attur;

Rat in-nota tal-25 ta’ Marzu 2002 tal-attur li biha t-talba attrici giet ridotta ghas-somma ta’ elfejn sitt mija u sitta u ghoxrin liri maltin u seba u sittin centezmu (Lm2626.67) u dana ghar-ragunijiet moghtija fl-affidavit tal-attur;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

L-attur, fic-citazzjoni, jippremetti li l-konvenuti ghandhom jirrifondulu s-somma bilancjali ta’ sebat elef u tlett mitt lira maltin (Lm7300) liema somma ta’ flus giet mislufa ‘brevi manu’. L-attur jippremetti ukoll li nonostante hafna weghdiet il-konvenuti baqghu ma hallsux u ghalhekk kella ssir din il-kawza;

Il-konvenuti eccepew li huma hallsu lil attur dik is-somma lilhom mislufa *brevi manu.* Jeccepixxu ukoll li l-ammont imsemmi fic-citazzjoni mhux l-ammont li huma ssellfu u dana peress illi l-attur abbuzivament awmenta l-interessi dovuti minghajr ftehim ma’ l-istess konvenuti. Il-konvenuti jeccepixxu ukoll li l-imghax kalkolat mill-attur mhux dak stabbilit mill-ligi;

L-attur permezz tal-imsemmija nota tal-25 ta’ Marzu 2003 irriducja t-talba ghas-somma ta’ Lm2626.67. L-attur in effett fl-affidavit tieghu jikkonferma li huwa kien inkluda mal-ewwel ammont li kien sellef lill-konvenuti l-imghax bil-25%. Tenut kont ta’ dan u tal-pagamenti li l-konvenuti ghamlu baqa dovut l-isemmi bilanc ta’ elfejn sitt mija u sitta u ghoxrin lira maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm2626.67). Dan l-ammont jinkludi l-imghax bir-rata legali;

Ghalhekk it-talbiet attrici kif ridotti huma gustifikati u ghandhom jigu akkolti. Dan qed jinghad ukoll in vista tal-fatt li l-konvenuti naqsu li jipproducu provi in sostenn tal-eccezzjonijiet taghhom;

Ghal dawn il-motivi:

Tilqa t-talbiet attrici kif ridotti u tikkundanna l-konvenut jhallsu lill-attur s-somma ta' elfejn sitt mija u sitta u ghoxrin lira maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm2626.67) ghar-ragunijiet indikati fic-citazzjoni u dana bl-imghaxxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------